

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 361/2014**

**tad-9 ta' April 2014**

**li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/98**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**(ĠU L 107, 10.4.2014, p. 39)**

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 258, 3.10.2015, p. 11 (361/2014)
- **C2** Emendi, Ġ.U. L 300, 17.11.2015, p. 49 (361/2014)



**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 361/2014**

**tad-9 ta' April 2014**

**li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/98**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) u (5), l-Artikolu 6(4), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 12(5) u l-Artikolu 28(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 jipprovdi li s-servizzi regolari u ċerti servizzi speċjali regolari għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni;
- (2) L-Artikolu 12(1) ta' dak ir-Regolament jiddikjara li s-servizzi okkażjonali ddefiniti fl-Artikolu 2(4), filwaqt li jitwettqu, għandhom ikunu koperti minn dokument ta' kontroll;
- (3) L-Artikolu 5(5) ta' dan ir-Regolament jipprovdi li l-operazzjonijiet tat-trasport għal rashom definiti fl-Artikolu 2(5) għandhom ikunu soġġetti għal sistema ta' ċertifikati;
- (4) Għandhom jiġu stabbiliti wkoll regoli li jirregolaw l-użu tad-dokumenti ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament u l-mezz ta' komunikazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati, tal-ismijiet tat-trasportaturi li jagħmlu dawk is-servizzi okkażjonali u l-punti ta' konnessjoni waqt il-vjaġġ;
- (5) Huwa meħtieġ li għal raġunijiet ta' sempliċità, tiġi standardizzata l-formola tal-vjaġġ għas-servizzi okkażjonali internazzjonali u għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-forma ta' servizzi okkażjonali;
- (6) Il-formola tal-vjaġġ użata bħala dokument ta' kontroll fil-qafas tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-forma ta' servizzi regolari speċjali għandha timtela bħala dikjarazzjoni ta' kull xahar;
- (7) Huwa meħtieġ li jiġu standardizzati l-formoli għall-komunikazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni tal-informazzjoni statistika relatata man-numru ta' awtorizzazzjonijiet għal servizzi regolari kif ukoll operazzjonijiet ta' kabotaġġ;
- (8) Għal raġunijiet ta' trasparenza u sempliċità, id-dokumenti mudell kollha adottati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/98 tat-2 ta' Ottubru 1998 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92 u (KE) Nru 12/98 fir-rigward ta' dokumenti għat-trasport ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank<sup>(2)</sup> għandhom jiġu adattati għar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 applikabbli għal servizzi internazzjonali bil-kowċ u x-xarabank;

<sup>(1)</sup> ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88.

<sup>(2)</sup> ĠU L 268, 3.10.1998, p. 10.

**▼B**

- (9) Ir-Regolament (KE) Nru 2121/98 għandu għalhekk jiġi rrevokat;
- (10) L-Istati Membri jeħtieġu ż-żmien biex jistampaw u jqassmu d-dokumenti l-ġodda. Għalhekk fil-frattemp it-trasportaturi għandhom ikunu jistgħu jkomplu jużaw id-dokumenti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2121/98, li għandu jispeċifika li dawn iqisu d-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009;
- (11) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont il-fehma tal-Kumitat dwar it-Trasport bit-Triq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## TAQSIMA I

**DOKUMENT TAL-KONTROLL***Artikolu 1*

1. ►**C2** Id-dokument tal-kontroll (il-formola tal-vjaġġ) għas-servizzi okkażjonali msemmija fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 għandu jikkonforma mal-mudell fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. ◀

2. Il-formoli tal-vjaġġ għandhom ikunu f'kotba ta' 25 formola, dupplikati, u distakkabbli. Kull ktieb għandu jkollu numru. Il-formoli għandhom ikunu wkoll numerati mill-1 sal-25. Il-qoxra tal-ktieb għandha tikkonforma mal-mudell fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jadattaw dawn il-ħtiġijiet mal-ipproċessar kompjuterizzat tal-formoli tal-vjaġġ.

*Artikolu 2*

1. Il-ktieb imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jsir f'isem it-trasportatur u ma għandux ikun trasferibbli.

2. Il-formola tal-vjaġġ għandha timtela b'tali mod li tinqara u b'ittri li ma jitħassrux, f'żewġ kopji, mit-trasportatur jew mis-sewwieq għal kull vjaġġ qabel it-tluq. Din għandha tkun valida għall-vjaġġ kollu.

3. Il-kopja ta' fuq tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fuq il-vettura matul il-vjaġġ kollu li tkun tirreferi għalih. Għandha tinżamm kopja fil-bażi tal-kumpanija.

4. It-trasportatur għandu jkun responsabbli milli jżomm il-formoli tal-vjaġġ.

*Artikolu 3***▼C2**

Fil-każ ta' servizz internazzjonali okkażjonali pprovdut minn grupp ta' trasportaturi li jkunu jaġixxu f'isem l-istess kuntrattur, u li jistgħu jinkludu l-vjaġġgaturi li jkunu sejrjn jaqbd u koinċidenza waqt il-vjaġġ ma' trasportatur differenti tal-istess grupp, il-kopja oriġinali tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fuq il-vettura li tkun qed twettaq is-servizz.

**▼B***Artikolu 4*

1. ► **C2** Il-kopji tal-formoli tal-vjaġġ li jkunu ġew użati bħala dokument ta' kontroll għal operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-forma ta' servizzi okkażjonali skont l-Artikolu 15(b) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 għandhom jiġu rritornati mit-trasportatur lill-awtorità jew lill-aġenzija kompetenti fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit, skont il-proċeduri li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità jew mill-aġenzija. ◀
2. Fil-każ ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-forma ta' servizzi regolari speċjali skont l-Artikolu 15(a) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, il-formola tal-vjaġġ fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha timtela fil-forma ta' dikjarazzjoni ta' kull xahar u tiġi rritornata mit-trasportatur lill-awtorità jew l-aġenzija kompetenti fl-Istat Membru tal-istabbiliment b'konformità mal-proċeduri stabbiliti minn dik l-awtorità jew aġenzija.

*Artikolu 5*

Il-formola tal-vjaġġ għandha tippermetti lid-detentur, matul servizz okkażjonali internazzjonali, li jagħmel eskursjonijiet lokali fi Stat Membru għajr dak li t-trasportatur ikun stabbilit fih, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009. L-eskursjonijiet lokali għandhom jiddaħħlu fil-formoli tal-vjaġġ qabel it-tluq tal-vetturi għall-eskursjoni kkonċernata. Il-kopja oriġinali tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fil-vettura sakemm iddum l-eskursjoni lokali.

*Artikolu 6***▼C2**

Id-dokument ta' kontroll għandu jiġu ppreżentat fuq talba ta' kwalunkwe uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

**▼B**

## TAQSIMA II

**AWTORIZZAZZJONIJIET***Artikolu 7*

1. L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għal servizzi regolari u għal servizzi regolari speċjali soġġetti għall-awtorizzazzjoni għandhom jikkonformaw mal-mudell fl-Anness III.
2. L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu din l-informazzjoni segwenti:
  - (a) l-iskeda tal-ħinjiet;
  - (b) ir-rati tal-ħlas;
  - (c) kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja Komunitarja għat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank għall-kiri jew kumpens kif stipulat fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009;
  - (d) l-informazzjoni dwar it-tip u l-volum tas-servizz li l-applikant ikun qiegħed jippjana li jipprovdi, fil-każ ta' applikazzjoni biex joħloq servizz, jew li ġie pprovdut, fil-każ ta' applikazzjoni għal tiġdid ta' awtorizzazzjoni;
  - (e) mappa ta' skala xierqa, li fuqha jkun hemm immarkata r-rotta u l-postijiet ta' waqfien fejn għandhom jitrikkbu jew jitniżżlu l-passiġġieri;
  - (f) skeda ta' sewqan li tkun tippermetti verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-perjodi ta' sewqan u ta' mistrieħ.
3. ► **C2** L-applikanti għandhom jipprovdu kull informazzjoni ulterjuri li huma jikkunsidraw li tista' tkun rilevanti jew li tintalab mill-awtorità emittenti b'sostenn għall-applikazzjoni. ◀

**▼B***Artikolu 8*

1. L-awtorizzazzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-mudell fl-Anness IV.
2. Kull vettura li twettaq servizz u li tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni għandu jkollha fuqha awtorizzazzjoni jew kopja ċertifikata mill-awtorità emittenti.
3. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu validi għal massimu ta' ħames snin.

## TAQSIMA III

**ĊERTIFIKATI***Artikolu 9*

1. ►**C2** Iċ-ċertifikati għall-ħidmiet ta' trasport għal rashom kif definiti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 għandhom jikkonformaw mal-mudell fl-Anness V ta' dan ir-Regolament. ◀
2. L-intrapriżi li jitolbu ċertifikat għandhom jipprovdu lill-awtorità emittenti evidenza jew assigurazzjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 jkunu ġew issodisfati.
3. Kull vettura li twettaq servizz li jkun soġġett għal sistema ta' ċertifikati għandu jkollha fuqha, sakemm idum il-vjaġġ, ċertifikat jew kopja awtentikata, li għandha tiġi ppreżentata lill-uffiċjal ta' spezzjoni awtorizzat malli din tintalab.
4. Iċ-ċertifikati għandhom ikunu validi sa massimu ta' ħames snin.

## TAQSIMA IV

**KOMUNIKAZZJONI TA' DEJTA STATISTIKA***Artikolu 10*

Id-dejta dwar ħidmiet tat-trasport ta' kabotaġġ imsemmija fl-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 għandha tiġi kkomunikata f'forma ta' tabella f'konformità mal-mudell fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

## TAQSIMA V

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI***Artikolu 11*

1. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-użu ta' ħażniet eżistenti tal-formoli tal-vjaġġ, applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, awtorizzazzjonijiet u ċertifikati mfassla f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2121/98 sal-31 ta' Diċembru 2015.
2. L-Istati Membri l-oħra għandhom jaċċettaw il-formoli tal-vjaġġ u l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni fit-territorju tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2015.
3. L-awtorizzazzjonijiet u ċ-ċertifikati mfassla f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/98 u maħruġa qabel il-31 ta' Diċembru 2015 se jibqgħu validi sad-data tal-iskadenza tagħhom.

▼ **B**

*Artikolu 12*

▼ **C2**

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/98 huwa mħassar.

▼ **B**

*Artikolu 13*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ **C1**








## ANNEX I

**IL-FORMOLA TAL-VJAĠĠ Nru ..... tal-Ktieb Nru .....**

(Kulur Pantone 358 (aħdar ċar), jew kemm jista' jkun viċin dan il-kulur, karta sintetika A4 format DIN)

**SERVIZZI INTERNAZZJONALI OKKAŻJONALI U OPERAZZJONIJET TA' KABOTAĠĠ FIL-FORMA TA' SERVIZZI OKKAŻJONALI**

(Kull punt, jekk ikun meħtieġ, jista' jiġi ssupplimentat fuq folja separata)

1	 	..... Post, data u firma tat-trasportatur				
2	 It-trasportatur u, fejn xieraq, sottokuntrattur jew grupp ta' trasportaturi	1. .... 2. .... 3. ....				
3	  Isem is-sewwieq/a	1. .... 2. .... 3. ....				
4	L-organizzazzjoni jew il-persuna responsabbli mis-servizz okkażjonali	1. .... 3. .... 2. .... 4. ....				
5	<b>It-tip ta' servizz</b>	<input type="checkbox"/> Servizz internazzjonali okkażjonali <input type="checkbox"/> Operazzjoni ta' kabotaġġ fil-forma ta' servizz okkażjonali <input type="checkbox"/> Operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-forma ta' servizzi regolari speċjali — dikjarazzjoni ta' kull xahar Xahar ..... Sena .....				
6	Post tat-tluq tas-servizz: ..... Pajjiż: .....	Post tad-destinazzjoni tas-servizz: ..... Pajjiż: .....				
7	Vjaġġ	Rotta/Postijiet ta' waqfien ta' kuljum u/jew il-postijiet minn fejn jitrikku jew jitniżżlu l-passiġġieri	 għadd ta' passiġġieri	 vojta (immarka b'X)	Km ippjanati	
	Dati	minn → sa				
8	Punti ta' koinċidenza, jekk ikun hemm, ma' trasportatur ieħor fl-istess grupp	Għadd ta' passiġġieri li jitniżżlu	Destinazzjoni finali tal-passiġġier li jitniżżlu	Trasportatur li jrikkebb il-passiġġieri		
9	<b>Eskursjonijiet lokali</b>					
	Data	Km ippjanati	Post tat-tluq	Post tal-eskursjoni	Għadd ta' passiġġieri	
10	<b>Tibdiliet mhux previsti</b>					
	..... .....					

▼ **C2***ANNEX II***Qoxra**(Karta sintetika format DIN A4 100 g/m<sup>2</sup> jew aktar)*Għandha tiġi fformulata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li hu stabbilit fih it-trasportatur*

L-ISTAT EMITTENTI

L-awtorità kompetenti

Sinjal internazzjonali ta' distinzjoni <sup>(1)</sup> .....**KTIEB Nru...**

tal-formoli tal-vjaġġ:

- (a) għal servizzi internazzjonali okkażjonali bil-kowċ u bix-xarabank bejn l-Istati Membri, maħruġin fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009;
- (b) għal operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-forma ta' servizzi okkażjonali mwettqa fi Stat Membru minbarra dak li hu stabbilit fih it-trasportatur, maħruġa fuq i-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009.

għal: .....

*(Kunjom u isem jew isem kummerċjali tat-trasportatur)*

.....

.....

*(Indirizz sħiħ, numru tat-telefon u tal-fax)*

.....

*(Il-post u d-data tal-ħruġ)**(Il-firma u t-timbru tal-awtorità jew l-aġenzija emittenti)*

<sup>(1)</sup> L-Awstrija (A), il-Belġju (B), il-Bulgarija (BG), il-Kroazja (HR), Ċipru (CY), ir-Repubblika Ċeka (CZ), id-Danimarka (DK), l-Estonja (EST), il-Finlandja (FIN), Franza (F), il-Ġermanja (D), il-Greċja (GR), l-Irlanda (IRL), l-Italja (I), il-Latvja (LV), il-Litwanja (LT), il-Lussemburgu (L), l-Ungerija (H), Malta (M), il-Pajjiżi l-Baxxi (NL), il-Polonja (PL), il-Portugall (P), ir-Rumanija (RO), is-Slovakkja (SK), is-Slovenja (SLO), Spanja (E), l-Isvezja (S), ir-Renju Unit (UK).



▼ C2

(It-tieni paġna)

*Għandha tiġi fformulata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li hu stabbilit fih it-trasportatur*

**AVVIŻ IMPORTANTI****A. ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

1. L-Artikolu 12(1), it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 jiddikjaraw li s-servizzi okkażjonali għandhom jitwettqu waqt li jkunu koperti b'dokument ta' kontroll (il-formola tal-vjaġġ tinqala' mill-ktieb tal-formoli tal-vjaġġ maħruġa lil trasportatur).
2. L-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 jiddefinixxi servizzi okkażjonali bħala servizzi li ma jaqgħux fl-ambitu tad-definizzjoni ta' servizzi regolari, inklużi s-servizzi regolari speċjali u l-karatteristika ewlenija tagħhom hija t-trasport ta' gruppi ta' passiġġieri maħluq fuq l-inizjattiva tal-klijent jew tat-trasportatur innifsu;

Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 servizzi regolari huma servizzi li jipprovdu għat-trasport tal-passiġġieri f'intervalli speċifikati tul rotot speċifiċi, filwaqt li l-passiġġieri jitrakkbu u jtinizzlu f'waqfiet predefiniti, u li huma miftuħa għal kulħadd, bla ħsara, fejn ikun xieraq, għal prenotazzjoni obbligatorja.

In-natura regolari tas-servizz mhix affettwata minn xi aġġustament fil-kondizzjonijiet operattivi tas-servizz.

Is-servizzi, organizzati minn min ikun, li jipprovdu għat-trasport ta' kategoriji speċifikati ta' passiġġieri bl-esklużjoni ta' passiġġieri oħra, huma meqjusa bħala servizzi regolari. Dawn is-servizzi jissejħu "servizzi regolari speċjali" u jinkludu:

- (a) it-trasport ta' ħaddiema bejn id-dar u x-xogħol,
  - (b) it-trasport ta' tfal tal-iskola u studenti lejn u mill-istituzzjoni edukattiva. Il-fatt li servizz speċjali jista' jinbidel skont il-ħtiġijiet tal-utenti ma għandux jaffettwa l-klassifika tiegħu bħala servizz regolari.
3. Il-formola tal-vjaġġ hija valida għall-vjaġġ kollu.
  4. Il-liċenzja Komunitarja u l-formola tal-vjaġġ jintitolaw lid-detentur biex jagħmel:
    - i. servizzi internazzjonali okkażjonali bil-kowċ u bix-xarabank bejn żewġ Stati Membri jew aktar;
    - ii. operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-forma ta' servizzi okkażjonali fi Stat Membru għajr dak li fih ikun stabbilit it-trasportatur.
  5. Qabel il-bidu ta' kull servizz it-trasportatur jew is-sewwieq għandhom jimlew żewġ kopji tal-formola tal-vjaġġ. Il-kopja tal-formola tal-vjaġġ għandha tibqa' fl-impriża. Is-sewwieq għandu jżomm il-kopja oriġinali fil-vettura matul il-vjaġġ u jippreżentaha meta jiġi mitlub minn uffiċjali tal-infurzar.
  6. Is-sewwieq għandu jirritorna l-formola tal-vjaġġ lill-intrapriża li tkun tathielu fit-tmiem tal-vjaġġ imsemmi. It-trasportatur għandu jkun responsabbli milli jżomm id-dokumenti. Dawn għandhom jiġu mimlija b'mod ċar u li ma jkunx jitħassar.

## ▼ C2

(It-tielet pagna)

## B. DISPOSIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL SERVIZZI INTERNAZZJONALI OKKAŻJONALI

1. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 jgħid li l-organizzazzjoni tas-servizzi paralleli jew temporanji komparabbli mas-servizzi regolari eżistenti u li jaqdu lill-istess klijentela bħal tal-aħħar għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni.
2. Fi ħdan il-qafas tas-servizzi okkażjonali internazzjonali, it-trasportaturi jistgħu jagħmlu eskursjonijiet lokali fl-Istati Membri għajr f'dak li jkunu stabbiliti fih. Tali servizzi huma maħsuba għal passiġġieri mhux residenti li qabel għew ittrasportati mill-istess trasportatur fi ħdan il-qafas tas-servizzi okkażjonali internazzjonali. Dawn għandhom ikunu trasportati fl-istess vettura jew f'vettura oħra li tkun tappartjeni lill-istess trasportatur jew grupp ta' trasportaturi.
3. Fil-każ ta' eskursjonijiet lokali, il-formola tal-vjaġġ għandha timtela' qabel it-tluq tal-vettura għall-eskursjoni msemmija.
4. Fil-każ ta' servizz okkażjonali internazzjonali pprovdut minn grupp ta' trasportaturi li jkunu jaġixxu f'isem l-istess klijent, u li jistgħu jinkludu l-passiġġieri li jkunu sejrin jaqdbu koinċidenza waqt il-vjaġġ ma' trasportatur differenti tal-istess grupp, il-kopja oriġinali tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fuq il-vettura li tkun qiegħda twestaq is-servizz. Fil-bażi ta' kull trasportatur involut għandha tinżamm kopja tal-formola tal-vjaġġ.

## C. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-OPERAZZJONIJIET TA' KABOTAĠĠ FIL-FORMA TA' SERVIZZI OKKAŻJONALI

1. L-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-forma ta' servizzi okkażjonali għandhom ikunu suġġetti, ħliet fejn ikun provdut mod ieħor fil-leġislazzjoni tal-Unjoni, għal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri amministrattivi li jkunu fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti fir-rigward dawn li ġejjin:
  - (i) il-kundizzjonijiet li jmexxu il-kuntratt tat-trasport;
  - (ii) il-piżijiet u l-qisien tal-vetturi fit-triq;
  - (iii) ir-rekwiżiti relatati mat-trasport ta' ċerti kategoriji ta' passiġġieri, b'mod partikolari t-tfal tal-iskola, tfal u l-persuni b'nuqqas ta' mobilità;
  - (iv) il-ħin tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ;
  - (v) it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fuq servizzi ta' trasport. F'dan il-qasam, id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<sup>(1)</sup>, partikolarment l-Artikolu 48 moqri flimkien mal-Artikoli 193 u 194 għandu japplika għas-servizzi msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009.
2. L-istandards tekniċi għall-kostruzzjoni u t-tagħmir li l-vetturi wżati biex iwettqu l-operazzjonijiet ta' trasport ta' kabotaġġ iridu jilħqu huma daww stabbiliti għall-vetturi li jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni fit-trasport internazzjonali.
3. L-Istati Membri japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali li saret referenza għalihom fil-punti 1 u 2 hawn fuq għat-trasportaturi mhux residenti taħt l-istess kondizzjonijiet bħal daww imposti fuq trasportaturi stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti, biex jevitaw kull diskriminazzjoni minħabba nazzjonalità jew post fejn ikunu stabbiliti.
4. Fil-każ ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-forma ta' servizzi okkażjonali, il-formoli tal-vjaġġ għandhom jiġu rritornati mit-trasportatur lill-awtorità jew il-korp kompetenti fl-Istat Membru tal-istabiliment skont il-proċeduri li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità jew mill-korp.<sup>(2)</sup>
5. Fil-każ ta' servizz okkażjonali fil-forma ta' kabotaġġ il-formoli tal-vjaġġ għandhom jimtlew fil-forma ta' dikjarazzjoni ta' kull xahar u jiġu rritornati mit-trasportatur lill-awtorità jew l-aġenzija kompetenti fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit skont il-proċeduri li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità jew mill-korp.

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.<sup>(2)</sup> L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jżidu mal-punt 4 d-dettalji tal-aġenzija responsabbli mill-ġbir tal-formoli tal-vjaġġ u l-proċedura biex tintbagħat l-informazzjoni.

▼ **C1***ANNEX III***Qoxra**

(Karta sintentika A4 Format DIN)

*Għandha tiġi fformulata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih hu stabbilit it-trasportatur***APPLIKAZZJONI <sup>(1)</sup>:**BIEX WIEĦED JIBDA SERVIZZ REGOLARI BIEX WIEĦED JIBDA SERVIZZ REGOLARI SPEĊJALI <sup>(2)</sup> BIEX TIĠEDDED AWTORIZZAZZJONI GĦAL SERVIZZ <sup>(3)</sup> BIEX JINBIDLU L-KUNDIZZJONIJIET TA' SERVIZZ AWTORIZZAT <sup>(3)</sup> **li jsir bil-kowċ u bix-xarabank bejn Stati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009**

għal: .....

*(L-awtorità kompetenti)*

1. Il-kunjom u l-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz, it-tel. efown, il-fakx u/jew l-indirizz tal-posta elettronika tal-applikant u, fejn ikun xieraq, tat-trasportatur maniġerjali fil-każ ta' assoċjazzjoni (pool):

.....

.....

2. Is-servizz(i) mwettqa <sup>(1)</sup>

minn impriża       bħala membru ta' assoċjazzjoni (pool)       bħala sottokuntrattur

3. Ismijiet u indirizzi:-

tat-Trasportatur trasportatur(i) assoċjat(i) jew sottokuntrattur(i) <sup>(4)</sup> <sup>(5)</sup>

3.1 ..... tel. ....

3.2 ..... tel. ....

3.3 ..... tel. ....

3.4 ..... tel. ....

<sup>(1)</sup> Immarka jew imla kif ikun il-każ.

<sup>(2)</sup> Servizzi speċjali regolari mhux koperti minn kuntratt bejn l-organizzatur u t-trasportatur.

<sup>(3)</sup> Fil-kuntest tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009.

<sup>(4)</sup> F'kull każ indika jekk hux ikkonċernat membru ta' assoċjazzjoni jew sottokuntrattur.

<sup>(5)</sup> Ehmeż lista jekk ikun il-każ.

▼ **C1**

(It-tieni paġna tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jew għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni)

4. Fil-każ ta' servizz regolari speċjali
  - 4.1 Kategorija ta' passiġġieri .....
  
5. It-tul ta' żmien li għalih qed tintalab l-awtorizzazzjoni jew id-data li fiha jintemm is-servizz:  
.....  
.....  
.....
  
6. Ir-rotta prinċipali tas-servizz (issottolinja l-postijiet mnejn jitrakkbu l-passiġġieri)  
.....  
.....  
.....  
.....
  
7. Il-perjodu ta' operat  
.....  
.....  
.....
  
8. Il-frekwenza (kuljum, kull ġimgħa. eċċ.)  
.....
  
9. Nollijiet: ..... L-anness mehmuż
  
10. Inkludi skeda tas-sewqan li tkun tippermetti verifika tal-konformità mal-leġi żlazzjoni tal-Unjoni dwar il-perjodi ta' sewqan u ta' mistrieħ.
  
11. L-għadd ta' awtorizzazzjonijiet jew tal-kopji tal-awtorizzazzjonijiet mitluba<sup>(1)</sup>:  
.....
  
12. Kwalunkwe informazzjoni oħra:  
.....  
.....  
.....
  
13. ....  
*(Post u data) (Il-firma tal-applikant)*

<sup>(1)</sup> Tingħibed l-attenzjoni tal-applikant lejn il-fatt li billi l-awtorizzazzjoni għandha tinżamm fuq il-vettura, l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet li l-applikant irid ikollu għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' vetturi meħtieġa biex jingħata s-servizz mitlub fl-istess ħin.

▼ **C1**

(It-tielet paġna tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jew għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni)

**AVVIŻ IMPORTANTI**

1. Dawn li ġejjin jinthemżu mal-applikazzjoni, kif ikun xieraq:
  - (a) l-iskeda tal-ħinijiet;
  - (b) l-iskala tan-nollijiet;
  - (c) kopja awtentikata ċċertifikata tal-liċenzja Komunitarja għat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bit-triq għall-kiri jew b'kumpens kif provdut fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009;
  - (d) l-informazzjoni dwar it-tip u l-volum tas-servizz li l-applikant ikun beħsiebu jipprovdi fil-każ ta' servizz ġdid, jew li ġie provdut fil-każ ta' tiġdid ta' awtorizzazzjoni;
  - (e) mappa ta' skala xierqa, li fuqha jkun hemm immarkata r-rotta u l-postijiet tal-waqfiet fejn il-passiġġieri jitrakkbu jew jitniżżlu;
  - (f) skeda ta' sewqan li tkun tippermetti verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-perjodi ta' sewqan u ta' mistrieħ.
2. L-applikanti għandhom jipprovdu kull informazzjoni ulterjuri li huma jikkunsidraw li tista' tkun rilevanti jew li tintalab mill-awtorità emittenti.
3. Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 dawn is-servizzi li ġejjin huma soġġetti għal awtorizzazzjoni:
  - (a) is-servizzi regolari, is-servizzi li jipprovdu għat-trasport tal-passiġġieri f'intervalli speċifiċi fuq rotot speċifiċi, fejn il-passiġġieri jitrakkbu u jitniżżlu f'waqfiet predeterminati. Is-servizzi regolari jkunu miftuħin għal kulħadd, soġġetti, meta jkun il-każ, għal prenotazzjoni obbligatorja. In-natura regolari tas-servizz ma tiġix effettwata minn xi aġġustament fil-kondizzjonijiet operattivi tas-servizz.
  - (b) is-servizzi speċjali regolari mhux koperti minn kuntratt bejn l-organizzatur u t-trasportatur. Is-servizzi, irrISPETTIVAMENT minn min jorganizzhom, li jipprovdu trasport għal kategoriji speċifiċi ta' passiġġieri bl-esklużjoni ta' passiġġieri oħra, jitqiesu bħala servizzi regolari. Dawk is-servizzi jissejħu "servizzi regolari speċjali" u jinkludu:
    - (i) it-trasport ta' ħaddiema bejn id-dar u l-post tax-xogħol;
    - (ii) it-trasport ta' tfal tal-iskola u studenti lejn u mill-istituzzjoni edukattiva.

Il-fatt li servizz speċjali jista' jvarja skont il-bżonnijiet tal-utenti, ma jaffettwax l-klassifikazzjoni tiegħu bħala servizz regolari speċjali.
4. L-applikazzjoni għandha ssir lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li minnu jitlaq is-servizz, jiġifieri waħda mill-vendi tas-servizz.
5. Il-perjodu massimu tal-validità tal-awtorizzazzjoni huwa ta' ħames snin.

▼ **C2***ANNEX IV*

(L-ewwel paġna tal-awtorizzazzjoni)

(Kulur Pantone 182 (roża), jew kemm jista' jkun viċin dan il-kulur, karta sintetika A4 format DIN 100 g/m<sup>2</sup> jew aktar)*Għandha tiġi fformulata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih hu stabbilit it-trasportatur*

L-ISTAT EMITTENTI

L-awtorità kompetenti

Sinjal internazzjonali ta' distinzjoni <sup>(1)</sup> .....**AWTORIZZAZZJONI Nru ....**għal servizz regolari <sup>(2)</sup>**għal servizz regolari speċjali****bil-kowċ u bix-xarabank bejn l-Istati Membri skont****II-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009**

għal: .....

*(Il-kunjom, l-isem jew l-isem kummerċjali tad-ditta tat-trasportatur jew tat-trasportatur maniġerjali fil-każ ta' assoċjazzjoni ta' impriżi (pool))*

.....

Indirizz: .....

Tel., faks u/jew e-mail: .....

Isem, indirizz, numri tat-telefon u tal-fakx u/jew indirizz tal-posta elettronika tas-soċji jew tal-membri tal-assoċjazzjoni tal-impriżi (pool) u sottokuntratti.

(1) .....

(2) .....

(3) .....

(4) .....

(5) .....

Il-lista mehmuża, jekk ikun il-każ

Id-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni: .....

.....

*(Il-post u d-data tal-ħruġ)**(Il-firma u t-timbru tal-awtorità jew l-aġenzija emittenti)*

<sup>(1)</sup> L-Awstrija (A), il-Belġju (B), il-Bulgarija (BG), il-Kroazja (HR), Ċipru (CY), ir-Repubblika Ċeka (CZ), id-Danimarka (DK), l-Estonja (EST), il-Finlandja (FIN), Franza (F), il-Ġermanja (D), il-Ġreċja (GR), l-Irlanda (IRL), l-Italja (I), il-Latvja (LV), il-Litwanja (LT), il-Lussemburgu (L), l-Ungerija (H), Malta (M), il-Pajjiżi l-Baxxi (NL), il-Polonja (PL), il-Portugall (P), ir-Rumanija (RO), is-Slovakkja (SK), is-Slovenja (SLO), Spanja (E), l-Isvezja (S), ir-Renju Unit (UK).

<sup>(2)</sup> Ħassar kif xieraq.

▼ **C2**

(It-tieni paġna tal-awtorizzazzjoni Nru .....)

1. Ir-rotta:
  - (a) Il-post tat-tluq tas-servizz: .....
  - (b) Il-post tal-wasla tas-servizz: .....
  - (c) L-itinerarju prinċipali, fejn il-postijiet mnejn jitrakkbu u jitniżżlu l-passiġġieri jiġu sottolinjati: .....
  - .....
  - .....
  - .....
2. Il-perjodi tal-operat: .....
- .....
3. Il-frekwenza: .....
4. L-iskeda tal-ħinijiet: .....
5. Is-servizz regolari speċjali:
  - Il-kategorija tal-passiġġieri: .....
6. Kundizzjonijiet oħra jew punti speċjali (eż. operazzjonijiet ta' kabotaġġ awtorizzati <sup>(1)</sup>):
  - .....
  - .....
  - .....
  - .....
  - .....
  - .....
  - .....
  - .....

(It-timbru u/jew firma tal-awtorità li  
ħarġet l-awtorizzazzjoni)

<sup>(1)</sup> Kif miftehem mill-Istat Membru ospitanti u kkomunikat lill-awtorità awtorizzanti, f' il-perjodu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 8.2 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009.

▼ **C2**

(It-tielet paġna tal-awtorizzazzjoni)

*Għandha tiġi fformulata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit it-trasportatur*

**AVVIŻ IMPORTANTI**

1. Din l-awtorizzazzjoni hija valida għall-vjaġġ kollu. Tista' tintuża biss minbarra minn parti li isimha jidher imniżżel fuqha.
2. L-awtorizzazzjoni jew kopja awtentika ċertifikata mill-awtorità emittenti għandha tinżamm fil-vettura sakemm idum il-vjaġġ u għandha tintwera meta jiġi mitluba minn uffiċjali tal-infurzar.
3. Kopja awtentikata ċertifikata tal-liċenzja Komunitarja għandha tinżamm fil-vettura.



▼ **C2**

## ANNEX V

(L-ewwel paġna taċ-ċertifikat)

(Kulur Pantone 100 (isfar), jew kemm jista' jkun viċin dan il-kulur, karta sintetika A4 format DIN 100 g/m<sup>2</sup> jew aktar)

*Għandha tiġi fformulata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fiha hu stabbilit it-trasportatur*

L-ISTAT EMITTENTI

L-awtorità kompetenti

Sinjal internazzjonali ta' distinzjoni <sup>(1)</sup> .....

## ĊERTIFIKAT

**maħruġ għal operazzjonijiet ta' trasport għal rashom bil-kowċ u bix-xarabank bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009**

(Parti għall-persuna jew għall-entità li topera trasport għal rashom)

Is-sottoskritt .....

responsabbli mill-impriża, korp bla qliegħ jew xi ħaġa oħra (iddeskrivi)

*(Il-kunjom u l-isem jew l-isem uffiċjali, l-indirizz sħiħ)*

jiċċertifika li:

- is-servizz ta' trasport provdut huwa bla qliegħ u mhux kummerċjali
- it-trasport huwa biss attività anċillari għall-persuna jew għall-entità
- in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kowċ jew tax-xarabank Nru ..... huwa l-proprietà tal-persuna jew tal-entità jew inkiseb minnhom b'kundizzjonijiet diferiti jew huwa s-suġġett ta' kuntratt ta' kiri fit-tul.
- il-kowċ jew ix-xarabank se jinstaq minn membru tal-persunal tas-sottoskritt jew l-entità jew mis-sottoskritt innifsu jew mill-persunal impjegat minn jew li jtitqiegħed għad-disposizzjoni tal-impriża taħt obbligu kuntrattwali.

*(Firma tal-persuna jew tar-rappreżentant tal-entità)*

(Il-parti għall-awtorità kompetenti)

Dan huwa ċertifikat fis-sens tal-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009.

*(Il-perjodu tal-validità)**(Il-post u d-data tal-ħruġ)**(Il-firma u t-timbru tal-awtorità kompetenti)*

<sup>(1)</sup> L-Awstrija (A), il-Belġju (B), il-Bulgarija (BG), il-Kroazja (HR), Ċipru (CY), ir-Repubblika Ċeka (CZ), id-Danimarka (DK), l-Estonja (EST), il-Finlandja (FIN), Franza (F), il-Ġermanja (D), il-Grēcja (GR), l-Irlanda (IRL), l-Italja (I), il-Latvja (LV), il-Litwanja (LT), il-Lussemburgu (L), l-Ungerija (H), Malta (M), il-Pajjiżi l-Baxxi (NL), il-Polonja (PL), il-Portugall (P), ir-Rumanija (RO), is-Slovakkja (SK), is-Slovenja (SLO), Spanja (E), l-Isvezja (S), ir-Renju Unit (UK).

## ▼ C2

(It-tieni paġna taċ-ċertifikat)

*Għandha tiġi fformulata fil-lingwa(i) uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih hu stabbilit it-trasportatur*

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. Skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 “operazzjonijiet tat-trasport għal rashom” tfisser operazzjonijiet li jsiru għal skopijiet mhux kummerċjali u mhux bi qliegħ minn persuna fiżika jew ġuridika, fejn:
  - l-attività tat-trasport tkun biss attività anċillari għal dik il-persuna fiżika jew legali, u
  - l-vetturi wżati jkunu l-proprietà ta' dik il-persuna fiżika jew legali jew ikunu ġew akkwistati minn dik il-persuna b'xiri fit-tul jew ikunu suġġetti għal kuntratt ta' kiri fit-tul u jkunu misjuqa minn membru tal-persunal tal-persuna fiżika jew legali jew mill-persuna fiżika nfisha jew minn persunal impjegat minn, jew imqiegħed għad-disposizzjoni, tal-impriża taħt obbligu kuntrattwali;
2. Trasportaturi indipendenti huma liċenzjati, skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 li jwettqu din it-tip ta' operazzjoni tat-trasport mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità jew il-post tal-istabbiliment sakemm dawn:
  - huma awtorizzati fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex iwettqu trasport bil-kowċ u bix-xarabank skont il-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali,
  - jissodisfaw il-ħtiġijiet legali dwar is-sigurtà fit-toroq fir-rigward ta' xufiera u vetturi, kif stipulat, fil-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni.
3. L-operazzjonijiet tat-trasport indipendenti kif imsemmi fil-punt 1 huma soġġetti għal sistema ta' ċertifikati.
4. Iċ-ċertifikat jagħti jedd lid-detentur biex iwettaq xogħol ta' trasport internazzjonali bil-kowċ u bix-xarabank għal rasu. Dan jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn il-vettura tkun irreġistrata u jkun validu għal vjaġġ kollu kemm hu, li jinkludi kwalunkwe vjaġġ ta' transitu.
5. Il-partijiet rilevanti ta' dan iċ-ċertifikat għandhom jimtlew tliet darbiet b'ittri ma jitħassrux mill-persuna jew ir-rappreżentant tal-entità li tkun qed twettaq l-operazzjoni jew mill-awtorità kompetenti. Għandha tinżamm kopja waħda mill-amministrazzjoni u kopja waħda mill-persuna jew l-entità. Is-sewwieq għandu jżomm il-kopja oriġinali jew kopja awtentika ċċertifikata fil-vettura tul il-vjaġġ internazzjonali. Din għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet tal-infurzar meta tintalab. Il-persuna jew l-entità, kif ikun il-każ, hija responsabbli għaż-żamma taċ-ċertifikati.
6. Iċ-ċertifikat huwa validu għal massimu ta' ħames snin.

▼ C2

## ANNEX VI

## MUDELL TAL-KOMUNIKAZZJONI

Imsemmija fl-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006

**L-għadd ta' awtorizzazzjonijiet maħruġa għall-operazzjonijiet tat-trasport ta' kabotaġġ fil-forma ta' servizzi regolari li twettqu f'**

..... (perjodu ta' sentejn)

**fi** ..... (isem l-Istat Membru ospitantl)

Il-pajjiż fejn l-operatur huwa stabbilit	L-għadd ta' awtorizzazzjonijiet maħruġa
B	
BG	
CZ	
DK	
D	
EST	
GR	
E	
F	
Irl	
HR	
I	
CY	
LV	
LT	
L	
H	
M	
NL	
A	
PL	
P	
RO	
SLO	
SK	
FIN	
S	
UK	
Total	